# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' il-Hamis 12 ta' Lulju, 2018**

**Rikors Numru : 978/2016 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**Bank of Valletta p.l.c (C2833)**

**Vs**

**Charlene Banks**

**(K.I numru 40372(A))**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank Of Valletta p.l.c datat 31 ta' Ottubru 2016, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Tesponi bir-rispett u Johanna Bartolo (K.I. numru 125969 (M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament;*

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, datat 4 ta' Gunju 2007 (Dok. "A") fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Charlene Banks.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Charlene Banks fis-somma ta' tlieta u disghin elf, mitejn u erbghin euro, sitta u sebghin centezmu (€93,240.76), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Charlene Banks mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' Settembru 2016 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibiti bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Charlene Banks*

4. *naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Charlene Banks li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

5. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

6. *Illi l-konvenuta Charlene Banks gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 3 ta' Lulju 2014 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'C', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenuta ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Charlene Zammit (a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess*

*Charlene Banks li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

2. *Tikkundanna lil Charlene Banks thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u disghin elf, mitejn u erbghin euro, sitta u sebghin centezmu (€93,240.76), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Charlene Banks mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' Settembru 2016 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Lulju 2014 (Dok. "C") kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotorju, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata hija kontumaci;

Rat id-digriet taghha li bih laqghat it-talba ghall-korrezzjoni fl-ammont citat fir-rikors promotur, (vide fol 81 tal-process);

Rat illi l-intimata debitament notifikata, ma deheret fl-ebda seduta skjedata minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza ezebiti.

Rat illi l-intimata naqset milli tipprezenta is-sottmissjonijiet taghha ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap.12, minkejja li nghatat l-opportunita li taghmel dan;

**Ikkonsidrat:**

**George Cassar White** xehed a fol 121 *et seqq.* u kkonferma li l-intimata ma kellha l-ebda kuntatt mal-Bank rikorrenti minn mindu giet intavolata din il-kawza. Ikkonferma li l-ammont pretiz fir-rikors guramentat, (kif korrett), ghadu kollhu dovut, peress illi ma sar l-ebda pagament fil-mori. Zied li l-*call-in letter* giet mibghuta fl-14 ta' Awissu 2016.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata permezz tal-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni, baqghat ma prezentat l-ebda risposta skont il-ligi. Il-Qorti taghraf ghalhekk illi l-intimata hija kontumaci. Il-Qorti rat ukoll illi ghalkemm giet moghtija terminu sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha, l-intimata ma prezentat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.„***
> ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***"

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

Il-Qorti, wara li rat il-provi, u fin-nuqqas ta' provi kontradicenti mill-intimati, tqis illi t-talbiet tal-Bank rikorrenti jirrizultaw fondati u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tal-Bank rikorrenti u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt ezibit bhala Dok A;**

2. **Tikkundanna lil Charlene Banks thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tlieta u disghin elf, mitejn u erbghin euro, sitta u sebghin centezmu (€93,240.76), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Charlene Banks mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' Settembru 2016 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu minn Charlene Banks.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**